**Laqgħa Numru 85**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**18 ta' Diċembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.40 ta' filgħaxija.

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

- Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**85.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

85.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

85.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 84 li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**85.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

85.3.1 Is-Sindku stieden lis-Sur John Attard biex jitkellem. Is-Sur Attard bħala rappreżentant tal-Għaqda Drammatika Xewkija spjega li jixtieq li l-Kunsill jikkoloborra fil-produzzjoni tac-CD "Rajtek Tinbidel". Hu spjega li hemm kemm il-Ministeru t'Għawdex u anke entitajiet privati Għawdxin li qed jidħlu anke f'dan il-proġett u jħoss li ma jistax jaċċetta li l-Kunsill ma jikkoloborrax wara li ma kienx aċċettata t-talba oriġinali li kienet ġiet diskussha fil-laqgħa ta'Awwissu 2018 fejn il-Kunsill kien iddeċieda li ma jikkoloborrax. Wara li spjega tajjeb x'jivolvi l-progett, is-Sur Attard ħareġ mill-kamra tal-Kunsill. Il-membri ddiskuttew bejniethom u qablu li l-Kunsill għandu jikkoloborra bl-ammont ta' €2500.

85.3.2 Is-Sindku kkommunka li xogħijiet fiTriq Il-Knisja kienu għaddejjin ġmielhom u din it-triq kellha titlest fi żmien ġimgħa.

85.3.3 Is-Sindku rreferra għall-Proġett tal-Open Gym fejn wara li l-Lands Authority talbu l tinġieb in-*No Objection* wara li mir-riċerka tagħhom sabu li kien hemm ftehim eżistenti bejn il-Lands u d-Dipartiment tal-Agrikoltura li jmur lura għal ħafna snin. Fil-fatt l-art inkwistjoni taqa' taħt MSDEC. Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-laqgħa pjanata għat-18 ta' Diċembru 2018 bejnu u bejn is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri biex tiġi diskussa din l-art wara li kienet intalbet in-*No Objection* lis-Seg Parlamentari kienet ġiet ikkanċellatha. Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill li kien ser iżomm lil Kunsill infurmat fuq svolti ġodda li jista' jkun hemm.

85.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien iħoss li hekk kif kienet ħa tibda sena ġdida kien il-waqt opportun li l-Kunsill jimxi fil-Kunsill Il-Ġdid. Il-membri unanimament qablu ma' dan.

85.3.5 Is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu mill-Ministeru t'Għawdex it-talba għar-*Resurfacing* ta' Toroq li kienet saret fis-sajf li għadda kienet ġiet milqgħuqha u l-Ministeru kien għażel li ssir Triq San Publiju ser isir mill-fondi allokati għat-triqat mill-Ministeru.

85.3.6 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv rigward Triq Antonino Saliba fejn residenti ġibdu l-attenzjoni li t-triq fejn joqogħdu huma kien mingħalihom hi bla isem waqt li l-Uffiċju Elettorali kkonferma li l-isem tat-triq hu Antonino Saliba. Dan l-isem jidher fuq tabella imwaħħla fi triq l-isfel minn din l-istess triq. Is-Segretarju kkomunikat li kienet bagħtet imejl lil Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq fejn ingħatat appuntatment biex imorru jaraw it-triqat fil-bidu tas-sena l-ġdida. Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-ismijiet Zakkarija Cilia, Toni Vella u Joseph Vella għandhom jiġu proposti lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan. Filwaqt li s-Segretarju ħadet nota biex tgħaddi dawn l-ismijiet lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq.

**85.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

85.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li għalkemm *sleeping police* kienet ġiet approvata f'laqgħa tal-Kunsill fis-snin l-imgħoddija f'Triq Tal-Eħbel, din baqgħet ma saritx. Is-Segretarju ħadet nota biex din isir minnufih.

85.4.2 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur responsabli mir-*resurfacing* ta' Triq Il-Knsija biex jieħu ħsieb jagħmel il-konok mal-bankini fl-istess triq.Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

85.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard proponiet li din is-sena l-Karnival ma jsirx hekk kif kienu qed isiru xogħlijiet fil-pjazza. Il-Kunsilliera Hubert Saliba u George Zammit opponew għax it-tnejn kienu tal-fehma li jekk ma jsirx toqtol dan l-avveniment darba għal dejjem. Is-Sindku ssuġġerriexxa li s-Segretarju għandha tiċċekja jekk huwiex possibli min-naħa ta' loġistika li dan isir fl-area tal-Barmil hekk kif ippropona il-Kunsillier Hubert Saliba qabel ma ttieħed deċiżjoni min-naħa tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**85.5 Offerti mitfugħa għall-Offerti:**

85.5.1 **Knis u Żamma tat-Toroq** Il-Kunsill rrefferra għall-ftuħ tal- offerti għat-tindif u ż-żamma tat-toroq tar-raħal. Il-membri tal-Kunsill ħatru l-Bord tal-Evalwazzjoni li jinkludi *accountant*, avukat u perit. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li dan it-tender ma jintrabaħx fuq l-inqas offerta imma huwa tender li jimxi fuq il-BPQR.

85.5.2 **Bini ta' Ħajt tas-Sejjieħ-Miżuri 4.4** Il-Kunsill rreferra għall-ftuħ tal- offerti għal dan it-tender. Il-Bord tal-Evalwazzjoni ġie magħżul fejn dan ukoll jinkludi *accountant*, avukat u perit.

**85.6**. **Korrispondenza u Materji Oħra.**

85.6.1 Imejl u Ċirkulari AKL 2018/138 dwar il-Ftehim tal-Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF) fejn tgħarraf li l-Kunsill Lokali għandu sal-10 ta' Diċembru 2018 sabiex jikkonferma jew mod ieħor jekk iridx jiffirma l-ftehim li l-istess Assoċjazzjoni laħqet dwar il-ħaddiema tal-iskemi fejn infurmat lill-Kunsill li f'każ li ma jiffirmax il-ħaddiema allokati mal-Kunsill mhux se jibqgħu garantiti. Dan il-ftehim jorbot lill-Kunsilli biex jagħmel tajjeb għall-*performance bonus* dejjem jekk il-ħaddiema jkun haqqhom dan il-*performance bonus.* Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u ma qablux li l-Kunsill għandu jidħol għal dan il-ftehim.

85.6.2 Ċir AKL 2018/155 – Kopja tal-kummenti li l-Assoċċjazzjoni bagħtet lill-Onor. Chris Cardona bħala rispons għall-White Paper rigward is-Swieq fil-Beraħ.

85.6.3 Imejl mingħand is-SA Kathleen Grima mid-Direttorat tal-Konformita u tal-Infurzar fejn wieġbet għall-imejl mibgħut mis-Segretarja Eżekuttiva Marion Attard dwar diversi lmenti li l-kunsill irċieva rigward Triq Gidi peress li diversi plots li għadhom mhumiex żviluppati qiegħdin ta' periklu peress li m'għandhomx ħitan mat-triq. Is-SA Grima wieġbet li ma jistgħux jieħdu azzjoni peress li fadal servizzi li mhumiex skond il-Legal Notice 29/10 Part III Clause 12.

85.6.4 Ċirkulari SPI 14 2018 – Tagħrif dwar in-numru ta' Qtates fit-Toroq (strays) u min qed jitmagħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

85.6.5 Imejl mis-Segretarju Marion Attard mibgħuta lil Dr Renata Farrugia dwar ix-xewqa tal-Kunsill li jirranġa l-Arloġġ tax-Xemx li jinsab f'residenza privata fi Triq Santa Teodora. Is-Segretarju talbet lil Dr Farrugia biex taħdem fuq l-iskrittura preparata mll-istess Dr Farrugia is-sena li għaddiet.

85.6.6 Ċirkulari AKL 2018/153 – Kopja tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 14 li nżammet nhar il-Ħamis 22 ta' Novembru 2018.

85.6.7 Talba mingħand l-Arċipriet tax-Xewkija Fr Daniel Xerri, biex l-applikazzjoni fuq restawr isir fuq il-kampnar tal-kappella tal-Ħniena minflok fuq is-Salib tal-Pjazza. Il-Kunsill iddiskutta l-kontenut u qabel li ġaladarba kienu qed isiru xogħlijiet fuq il-pjazza kien xieraq li l-Kunsill japplikka fur r-restawr tas-Salib tad-Dejma.

85.6.8 Imejl mingħand is-Sur Roderick Zammit, Programme Manager (EU Funds) dwar id-deċiżjoni tac-CRRB għall-esetensjoni fid-data finali tal-Proġett taħt Miżura 4.3.. Il-Bord aċċetta it-talb tas-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill biex tiġi estiża id-data finali tal-proġett taħt Miżura 4.3. Il-Kunsill innota l-kontenut.

85.6.9 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv Marion Attard dwar il-proġett tal-Bandli, fejn talbet lis-Sur Vincent Cassar mill-MCCAA biex issir laqgħa biexn jiġi diskuss il-proġett u l-bandli li ser jitpoġġew. Hi saqsiet ukoll hux aħjar jekk issir spezzjoni fuq il-post tal-istat preżenti tal-bandli biex jittieħdu l-miżuri kollha ta' sigurta qabel jinħareġ it-tender.

85.6.10 Imejl mingħand is-Sa Vicky Xuereb mill-MGPZ-Eco Gozo dwar Skema ta' restawr ta' postijiet storiċi li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ biex jassisti lill-Kunsilli Lokali.

85.6.11 Talba mis-Sur Rapa ta' Triq Indri Borg biex titħarrek il-Lampa fit-tarf tat-triq peress li hemm ħafna dlam fl-aħħar parti tat-triq. Il-membri unanimament qablu ma' dan.

**85.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

85.7.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tnhemeż mal-minuti.

**85.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.**

85.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.26pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar l-Erbgħa 16 ta'Jannar 2019.

Konfermati, illum **16 ta' Jannar 2019**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |